**Il-ġrieħi**

Din hija l-kelma kbira
Li smajt tidwi f'dawn il-jiem,
Hi kelma li mlietni b'tama
Biex tassew inkun naf min jien.

Dawn il-ġriegħi wisq muġugħa
Li saruli matul is-snin,
Bihom x'nagħmel? Nidfinhom?
Jew inrosshom bħas-sardin?

Jaqbilli dlonk nimtela
B'korla kbira issemmix?
Jew inkella noqgħod baqqa
Għaddi l'hemm u la tkellimnix?

Ħaġa biss għallimni hija
Franġisk, meta b'qawwa nifduh,
Ħa nibda' paġna ġdida
U l-imgħoddi ħa nħalluh.

Għax b'hekk biss nista' nimxi
U nibqa' sod fit-tiġrib,
Dawk il-ġrieħi kemm jgħallmuni
Niggranfa sewwa mal-ħabib.

Għaliex kollox idur magħha
Liema ħarsa sejjer nagħżel,
Biex minn dil-qagħda t'issa
Ma nħallihiex tkun Babel.

Ha nerġa' nitfa ħarsti
Fuq Kristu li tant ħabbni,
Ejja nħalli l-ħelwa ħarstu
Tferraħni, terġa' tgħannaqni.

Hekk l-istorja taqbad triqtha
Li Alla taha għax Missieri,
Mgħannaq miegħu inħossni
Imfejjaq dal-ġrieħi.

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.